IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2012
COM(2012) 722 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa

{SWD(2012) 403 final}
{SWD(2012) 404 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa

1. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw malajr modi konkreti li jtejbu l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, inkluż f'dak li jirrigwarda lil pajjiżi terzi, u biex jirrapportaw dwar dan sa Ġunju tal-2012. F'April, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li ttenni l-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni f'dan il-qasam.

Bħala l-ewwel tweġiba, fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[1] (il-"Komunikazzjoni ta' Ġunju") li tispjega b'mod ġenerali kif tista' tittejjeb il-konformità mat-taxxa u kif jistgħu jitnaqqsu l-frodi u l-evażjoni permezz ta' użu aħjar tal-istrumenti eżistenti u tal-adozzjoni ta' proposti tal-Kummissjoni li għadhom pendenti. Hi identifikat ukoll oqsma fejn aktar azzjoni jew koordinazzjoni leġiżlattiva tista' tibbenefika lill-UE u lill-Istati Membri, u wriet il-valur miżjud tal-ħidma konġunta kontra l-isfida li dejjem qed tikber tal-frodi u l-evażjoni tat-taxxa.

Il-Komunikazzjoni ta' Ġunju ħabbret it-tħejjija, qabel tmiem l-2012, ta' pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi passi konkreti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-politika eżistenti dwar il-governanza tajba, il-kwistjonijiet usa' ta' interazzjoni mar-rifuġji fiskali, u tal-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa u aspetti oħra, inklużi r-reati relatati mat-taxxa.

F'dan il-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta l-inizjattivi li l-Kummissjoni diġà ħadet, l-inizjattivi l-ġodda li jista' jsir progress dwarhom din is-sena, l-inizjattivi ppjanati għas-sena d-dieħla u dawk li jeħtieġu perjodu ta' żmien itwal. Fit-tfassil ta' dawn l-inizjattivi, il-Kummissjoni kienet konxja mill-ħtieġa li ma tgħabbix iżżejjed lill-Istati Membri u tqis il-kapaċità tagħhom li jieħdu l-azzjonijiet neċessarji.

Essenzjalment, dan il-pjan ta' azzjoni fih azzjonijiet prattiċi li jistgħu jipprovdu riżultati konkreti lill-Istati Membri kollha u jagħtu appoġġ b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri li ġew indirizzati b'Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż[2]

[1] COM (2012) 351 finali tas-27.06.2012 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar mezzi konkreti li jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa inkluż f'dak li jirrigwarda lil pajjiżi terzi.

[2] Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati lill-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija. Ta' min wieħed jinnota li l-Istati Membri li bħalissa qegħdin jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja skont il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) jew skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 143 tat-Trattat, huma rrakkomandati jimplimentaw il-miżuri stipulati fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni rispettivi tagħhom, li huma speċifikati ulterjorment fil-

dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ il-ġbir tat-taxxa, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew 2012.

L-Istati Membri u l-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar il-kontenut tal-pjan ta' azzjoni u l-prijoritajiet li għandhom jingħataw għal kull punt. Il-pjan jikkunsidra l-opinjonijiet tagħhom. Il-messaġġ qawwi mill-Istati Membri kien li l-ogħla prijorità għandha tingħata lill-azzjonijiet li diġà qed jiġu żviluppati u lill-implimentazzjoni u l-applikazzjoni sħaħ tal-leġiżlazzjoni li għada kemm ġiet adottata dan l-aħħar dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa. L-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa biex jiġu adottati malajr il-proposti pendenti fil-Kunsill u biex tingħata attenzjoni partikulari għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT[3] [4].

Il-ħidma fil-ġejjieni dwar dawn l-azzjonijiet għandha tkun iggwidata mill-ħtieġa li jonqsu l-ispejjeż u l-kumplessità tas-sistemi tat-taxxa kemm għal-kontribwenti u kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Għall-kontribwenti, it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-kumplessità jistgħu jippromovu aktar konformità mat-taxxa. Għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, l-iżvilupp u l-użu sħiħ ta' għodod awtomatizzati u tekniki tal-immaniġġjar tar-riskju jippermettu lir-riżorsi umani u baġitarji biex jikkonċentraw fuq l-ilħuq tal-għanijiet fil-mira.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi wkoll l-aktar użu effettiv mill-Istati Membri kollha tal-għodod prattiċi tal-IT għat-taxxi kollha. Hi se tippromwovi wkoll approċċ iktar konġunt bejn it-taxxi diretti u indiretti u bejn it-tassazzjoni u d-dwana billi tagħmel użu xieraq tal-programmi FISCALIS u CUSTOMS biex ittejjeb il-komunikazzjoni u tippromwovi kondiviżjoni aktar sistematika tal-aħjar prattiki u għodod, fejn xieraq. Dan jista' jgħin biex titjieb l-effiċjenza tal-verifiki u tal-kontrolli u jonqos il-piż fuq il-kontribwenti.

L-azzjonijiet kollha proposti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni f'dan id-dokument huma konsistenti u kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għall-2007-2013 u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid għall-2014-2020.

2. UŻU AĦJAR TAL-ISTRUMENTI EŻISTENTI U L-INIZJATTIVI TAL-KUMMISSJONI LI GĦANDU JSIR PROGRESS DWARHOM

Il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa għandhom dimensjoni transkonfinali importanti. L-Istati Membri jistgħu jindirizzaw din il-problema b'mod effettiv jekk jaħdmu flimkien biss. It-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri hu għalhekk għan ewlieni tal-istrateġija tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Għadd ta' passi importanti diġà ttieħdu.

1. Qafas ġdid għall-kooperazzjoni amministrattiva

Memorandums ta' Ftehim tagħhom u fi kwalunkwe supplimenti sussegwenti. L-Istati Membri kkonċernati huma l-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u r-Rumanija.

3 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2011 (dok. 9586/12 - FISC 63 OC 213)

4 Ir-Rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' Taxxa tal-4.12.2012 (dok. 16327/12 – FISC 166 – ECOFIN 949) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' 13.11.2012 (dok. 16051/12 – PRESSE 465 – PR CO 60)

Fl-aħħar sentejn, il-Kunsill adotta qafas ġdid għall-kooperazzjoni amministrattiva dwar proposti mill-Kummissjoni[5]. Dan is-sett ta' strumenti leġiżlattivi ġodda jwitti t-triq għall-iżvilupp ta' għodod u strumenti ġodda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni ta' Ġunju tenfasizza li l-użu effettiv u komprensiv tagħhom mill-Istati Membri għad irid jintlaħaq. L-Istati Membri jridu jiżguraw l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni b'mod sħiħ u effettiv ta' dawn l-istrumenti b'mod partikolari billi jagħmlu skambji tal-informazzjoni msaħħa.

2. Eliminazzjoni tad-dgħufijiet tat-tassazzjoni fuq it-tfaddil

L-adozzjoni tal-emendi proposti mill-Kummissjoni fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tfaddil[6] se tippermetti li jiġu eliminati d-dgħufijiet fid-Direttiva u b'hekk titjieb l-effettività ta' dan l-istrument. Dan se jgħin lill-Istati Membri biex jiżguraw tassazzjoni effettiva fuq id-dħul mit-tfaddil transkonfinali. Issa huwa f'idejn il-Kunsill biex jadotta din il-proposta u jagħti mandat ta' negozjar lill-Kummissjoni biex tfittex bidliet korrispondenti għall-ftehimiet eżistenti dwar it-tassazzjoni fuq it-tfaddil mal-pajjiżi terzi. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri identifikaw din il-kwistjoni bħala prijorità għolja. Għalhekk il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Kunsill biex jadotta dawn il-proposti mingħajr dewmien.

3. Abbozz ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni tat-taxxa u kontra l-frodi

Bl-istess mod, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex jiffirma u jikkonkludi l-abbozz tal-ftehim dwar il-kooperazzjoni tat-taxxa u kontra l-frodi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Liechtenstein li ppreżentat lill-Kunsill fl-2009[7] u biex jadotta l-abbozz tal-mandat biex jinfetħu negozjati simili ma' erba' pajjiżi terzi ġirien. Dan ikun jippermetti lill-Kummissjoni tinnegozja ftehimiet li jiżguraw li l-istess strumenti għall-ġlieda kontra l-frodi u favur standards għoljin ta' trasparenza u skambju ta' informazzjoni jkunu disponibbli għall-Istati Membri kollha.

4. Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għal kontra l-frodi tal-VAT

Fil-31 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għal kontra l-frodi tal-VAT[8]. Jekk tiġi adottata, din il-proposta tkun tippermetti lill-Kummissjoni biex f'qasir żmien tawtorizza lil Stat Membru biex jadotta miżuri ta' deroga ta' natura temporanja sabiex jiġu indirizzati każijiet ta' frodi kbar u f'daqqa b'impatt finanzjarju kbir. Il-Kunsill hu mitlub li jadotta din il-proposta malajr li hu identifika bħala prijorità għolja.

5. Applikazzjoni fakultattiva tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT

---

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, P. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010/UE tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, P. 1); Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, P. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 389/2012/UE tat-2 ta' Mejju 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 (ĠU L 121, 8.5.2012, P. 1)

6 COM (2008) 727 finali, tat-13.11.2008

7 COM (2009) 644 finali tat-23.11.2009 u COM (2009) 648 finali tat-23.11.2009

8 COM (2012) 428 finali, tal-31.07.2012

Fl-2009, il-Kummissjoni ppreżentat proposta rigward l-applikazzjoni fakultattiva tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fil-konfront ta' fornimenti ta' ċerti oġġetti u servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal frodi[9]. Il-parti biss ta' dik il-proposta relatata mal-allokazzjonijiet tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġiet adottata f'Marzu 2010[10]. L-adozzjoni tal-parti li jifdal ta' dik il-proposta tippermetti li l-Istati Membri kollha japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge skont l-istess kondizzjonijiet f'dawk is-setturi fejn huwa l-aktar għodda effiċjenti kontra "l-frodi karużell", minflok ma jadottaw derogi individwali għad-Direttiva tal-VAT li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi fi Stati Membri oħra.

6. Forum tal-UE dwar il-VAT

Kemm in-negozji u kemm l-awtoritajiet tat-taxxa jirrikonoxxu li s-sistema attwali tal-VAT hi diffiċli biex tiġi mmaniġġjata u hija vulnerabbli għall-frodi. Bil-ħsieb li tittejjeb il-governanza tal-VAT fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni ddeċidiet li toħloq forum tal-UE dwar il-VAT[11]. F'din il-pjattaforma ta' djalogu, ir-rappreżentanti ta' negozji żgħar, medji u kbar u l-awtoritajiet tat-taxxa jistgħu jaqsmu l-opinjonijiet dwar l-aspetti transkonfinali prattiċi tal-amministrazzjoni tal-VAT, kif ukoll jidentifikaw u jiddiskutu l-aħjar prattiki li jistgħu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni tas-sistema tal-VAT, bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat id-dħul mill-VAT. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jipparteċipaw bl-aktar mod wiesa' possibbli, sabiex il-forum tal-UE dwar il-VAT jilħaq l-għanijiet tiegħu.

3. INIZJATTIVI ĠODDA TAL-KUMMISSJONI

Flimkien ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta serje ta' inizjattivi ġodda li jirrispondu għal xi wħud mill-ħtiġiet identifikati fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju. Dawn l-inizjattivi jikkostitwixxu reazzjoni immedjata għall-ħtiġijiet identifikati biex tiġi żgurata politika koerenti fil-konfront tal-pajjiżi terzi, biex jittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni u biex jiġu indirizzati ċerti tendenzi tal-frodi.

7. Rakkomandazzjoni dwar il-miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi biex japplikaw l-istandards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa

L-analiżi tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni attwali hi li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħsara potenzjali u attwali kkawżata minn ġurisdizzjonijiet li ma jikkonformawx mal-istandards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa, fosthom il-ġurisdizzjonijiet li huma kkunsidrati b'mod komuni bħala rifuġji fiskali.

---

9 COM(2009) 511 finali, tad-29.09.2009

10 Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16.03.2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi (ĠU L 72 tal-20.03.2010, P.1)

11 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2012/C198/05) tat-3 ta' Lulju 2012 li tistabbilixxi l-forum tal-UE dwar il-VAT

L-Istati Membri kollha wieġbu b'mod differenti għal din is-sitwazzjoni. Filwaqt li jqisu l-libertajiet mogħtija lilhom meta joperaw fis-suq intern, in-negozji jistgħu jistrutturaw arranġamenti ma' ġurisdizzjonijiet bħal dawn permezz tal-Istati Membri bl-aktar tweġiba dgħajfa. B'riżultat, il-protezzjoni globali tad-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri tkun effettiva skont it-tweġiba l-aktar dgħajfa ta' xi Stat Membru. Dan mhux biss iħassar il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri iżda wkoll jipperikola l-kondizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni għan-negozji u, fl-aħħarnett, ifixkel l-operazzjoni tas-suq intern.

Bil-ħsieb li tiġi affrontata din il-problema, il-Kummissjoni tirrakkomanda l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' sett ta' kriterji biex jidentifikaw il-pajjiżi terzi li ma jilħqux l-istandards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa u sett ta' miżuri li jirrigwardaw lill-pajjiżi terzi skont jekk jikkonformawx jew le ma' dawn l-istandards, jew huma impenjati li jikkonformaw magħhom. Il-miżuri jinkludu l-possibbiltà li l-ġurisdizzjonijiet mhux konformi jitniżżlu f'lista ta' suspettati u n-negozjar mill-ġdid, is-sospensjoni jew il-konklużjoni tal-Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja (DTCs). Sabiex tkun evitata kwalunkwe promozzjoni ta' negozju ma' pajjiżi terzi mniżżlin f'lista ta' suspettati, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet komplimentari addizzjonali iżda fl-istess waqt jirrispettaw b'mod sħiħ il-liġi tal-UE.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-issekondamenti *ad hoc* ta' esperti biex jgħinu l-amministrazzjonijiet tat-taxxa fil-pajjiżi terzi li jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw ma' standards minimi iżda li jkunu jeħtieġu assistenza teknika.

Din ir-Rakkomandazzjoni hi l-ewwel pass prattiku importanti biex jiġu allinjati l-attitudnijiet li ħadu l-Istati Membri fir-rigward tal-ġurisdizzjonijiet li ma japplikawx standards minimi fil-qasam ikkonċernat. Sabiex tivvaluta l-ħtieġa għal inizjattivi ulterjuri possibli, il-Kummissjoni se tevalwa mill-ġdid l-approċi u l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam fi żmien tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

8. Rakkomandazzjoni dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva

Il-Kummissjoni tqis li hemm ħtieġa li jiġi żgurat li l-piż tat-tassazzjoni jkun maqsum b'mod ġust skont l-għażliet magħmula mill-gvernijiet individwali. Attwalment, ċerti kontribwenti jistgħu jużaw arranġamenti kumplessi u xi kultant artifiċjali, li għandhom l-effett li jirrilokaw il-bażi tat-taxxa tagħhom lejn ġurisdizzjonijiet oħra fi ħdan jew barra l-Unjoni. B'dan il-mod, il-kontribwenti jieħdu vantaġġ min-nuqqas ta' taqbil fil-liġijiet nazzjonali biex jiżguraw li ċerti elementi tad-dħul jibqgħu ma jiġux intaxxati jew biex jesplojtjaw id-differenzi fir-rati tat-taxxi. Billi jħallsu t-taxxi, in-negozji jistgħu jkollhom impatt pożittiv importanti fuq il-bqija tas-soċjetà. Għalhekk, pjanifikazzjoni tat-taxxa agressiva tista' tiġi kkunsidrata bħala kuntrarja għall-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva[12]. Għalhekk, hemm bżonn ta' passi konkreti li jindirizzaw din il-problema.

[12] Il-Komunikazzjoni dwar strateġija mġedda tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva – COM (2011) 681 finali tal-25.10.2011

Azzjoni konkreta mill-Istati Membri kollha maħsuba biex tirrimedja dawn il-problemi għandha ttejjeb ukoll l-operazzjoni tas-suq intern. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva komuni f'dan il-qasam.

B'mod speċifiku, l-Istati Membri huma mħeġġa li jinkludu klawsola fil-Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja (DTCs) konklużi ma' Stati Membri oħra tal-UE u ma' pajjiżi terzi sabiex jirriżolvu tip ta' non-tassazzjoni doppja identifikata speċifikament. Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll l-użu ta' regola ġenerali komuni kontra l-abbużi. Dan ikun jgħin biex tkun żgurata l-koerenza u l-effettività f'qasam fejn il-prattika tal-Istati Membri tvarja b'mod konsiderevoli.

Id-Direttivi tal-UE dwar it-taxxa (id-Direttivi dwar l-Imgħax u r-Royalties, l-Amalgamazzjonijiet u l-Kumpaniji Prinċipali u s-Sussisjarji) diġà jippermettu lill-Istati Membri biex japplikaw salvagwardji kontra l-abbużi. Filwaqt li jirrispettaw il-liġi tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jużaw dawn il-possibbiltajiet biex jevitaw pjanifikazzjoni fiskali abbużiva.

Barra minnn hekk, il-Kummissjoni hi lesta li tikkontribwixxi biex taħdem f'fora dwar it-taxxa internazzjonali bħall-OECD biex tindirizza l-kumplessitajiet tal-intaxxar tal-kummerċ elettroniku billi jiġu żviluppati standards internazzjonali xierqa.

9. Il-ħolqien ta' Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa

Il-Kummissjoni tippjana li tistabbilixxi Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa magħmula minn esperti mill-Istati Membri u r-rappreżentatni tal-partijiet interessati biex tipprovdi assistenza fit-tħejjija tar-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni taż-żewġ Rakkomandazzjonijiet, u fix-xogħol li jinsab għaddej dwar il-pjanifikazzjoni fiskali agressiva u l-governanza tajba fi kwistjonijiet ta' taxxa.

10. Titjib fil-qasam tat-tassazzjoni tan-negozju dannuża u l-oqsma relatati

B'konformità ma' dak li hu stabbilit hawn fuq u kif diġà indikat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012[13], il-Kummissjoni tindika wkoll il-ħtieġa urġenti għal sforz ġdid biex jingħata lill-ħidma li hi attwalment diskussa fil-kuntest tal-Kodiċi tal-Kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi[14] (il-Kodiċi).

Matul l-aħħar snin, sar aktar diffiċli li jsir progress u li jinkisbu riżultati tanġibbli fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta inkarigat mill-valutazzjoni tal-miżuri tat-taxxa li jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Kodiċi[15]. Dan hu marbut parzjalment mal-fatt li qed jiġu indirizzati kwistjonijiet dejjem aktar kumplessi iżda wkoll mal-ħtieġa li jiġu rfinuti u jsiru aktar diretti r-riżultati mistennija, l-iskeda għal dawn ir-riżultati u l-mezzi ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tagħhom.

---

13 L-Anness għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2012 "Il-linji ta' politika fiskali li l-aktar jgħinu t-tkabbir fl-Istati Membri, u dwar koordinazzjoni aħjar tat-taxxa fl-UE", COM (2011) 815 finali, VOL. 5/5 – Anness IV, par. 3.1

14 ĠU C 2, 6.1.1998, p. 2.

15 ĠU C 99, 1.4.1999, p. 1.

Għalhekk il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw azzjonijiet biex titjieb l-effikaċja fil-kisba tal-għanijiet oriġinali tal-Kodiċi, pereżempju billi jieħdu suġġetti fil-livell tal-Kunsill aktar malajr meta jkunu meħtieġa deċiżjonijiet politiċi b'mod urġenti. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta bħalissa qed jiddiskuti wkoll il-kwistjoni ta' nuqqas ta' taqbil fejn is-soluzzjonijiet huma meħtieġa malajr. Jekk dawn is-soluzzjonijiet biex jitneħħa n-nuqqas ta' taqbil ma jiġux miftiehma u implimentati f'konformità ma' dati tal-iskadenza ċari, il-Kummissjoni tinsab lesta biex, fejn xieraq, monflok tagħmel proposti għal azzjoni leġiżlattiva.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taġixxi f'każijiet fejn jinsabu Direttivi eżistenti li jipprovdu opportunitajiet għal pjanifikazzjoni fiskali aggressiva jew li jevitaw soluzzjonijiet xierqa billi jippermettu non-tassazzjoni doppja[16]. Ix-xogħol għandu jintensifika wkoll fuq ir-reġimi fiskali speċjali għal espatrijati u għaċ-ċittadini sinjuri individwi, li huma ta' ħsara għall-operazzjoni tas-suq intern u jnaqqsu d-dħul globali mit-taxxi.

Mill-parti tagħha, il-Kummissjoni se tkompli tassisti lill-Istati Membri biex jiżguraw promozzjoni effettiva tal-Kodiċi tal-Kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi f'pajjiżi terzi magħżula u tippromwovi kompetizzjoni tat-taxxa ġusta b'mod globali billi tinnegozja dispożizzjonijiet ta' governanza tajba fi ftehimiet rilevanti ma' pajjiżi terzi u billi tassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont il-politika kurrenti tal-Kummissjoni dwar it-taxxa u l-iżvilupp[17].

11. "TIN fuq il-portal EUROPA"

Il-Kummissjoni tippreżenta wkoll illum strument prattiku ġdid biex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

L-identifikazzjoni xierqa tal-kontribwenti hi essenzjali biex ikun hemm skambju effettiv tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet fiskali tal-Istati Membri. Illum il-Kummissjoni qed tniedi uffiċjalment l-applikazzjoni l-ġdida "TIN fuq l-EUROPA". Din l-applikazzjoni tipprovdi kampjuni ta' dokumenti tal-identità uffiċjali li fihom TINs (numri tal-identifikazzjoni tat-taxxa) nazzjonali. B'hekk din tippermetti lil kwalunkwe parti terza, u b'mod partikolari l-istituzzjonijiet finanzjarji, biex jidentifikaw u jirreġistraw malajr, faċilment u sew it-TINs fir-relazzjonijiet transkonfinali. Barra minn hekk, sistema tal-iċċekkjar onlajn simili għall-VIES (is-sistema tal-iskambju tal-informazzjoni dwar il-VAT) tagħmilha possibbli li jiġi ċċekkjat jekk l-istruttura jew l-algoritmu ta' ċerta TIN huwiex korrett. Din l-applikazzjoni l-ġdida tista' tkun l-ewwel pass lejn approċċ aktar konsistenti għat-TINs fil-livell tal-UE (ara l-Kapitolu 4.2.1 hawn taħt) u se tikkontribwixxi għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni iktar effikaċi.

12. Formoli standard għall-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

Id-Direttiva 2011/16/UE adottata fil-15 ta' Frar 2011 tipprovdi għall-adozzjoni ta' formoli standard għall-iskambju tal-informazzjoni fuq talba, l-iskambju spontanju tal-informazzjoni, in-notifika u r-rispons. Illum, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' implimentazzjoni li jipprovdi għal tali formoli standard li se jsaħħaħ l-effettività u

[16] F'dan il-kuntest, issir referenza għal punt 4.1.1.
[17] COM (2010) 163 finali tal-21.04.2010

l-effiċjenza tal-iskambju tal-informazzjoni. Il-Kummissjoni żviluppat ukoll applikazzjoni tal-IT għal dawn il-formoli standard fil-lingwi kollha tal-UE li diġà tinsab għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u li se tiġi applikata mill-1 ta' Jannar 2013.

13. Snaturant tal-Euro għal spirtu metilizzat kompletament u parzjalment

Il-modifiki li se jkunu adottati f'Diċembru fil-qasam tal-isnaturanti[18] jiġbru formulazzjoni tal-UE komuni għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol (CDA). L-għan ewlieni hu li jitnaqqsu l-opportunitajiet għal frodi. Dan hu maħsub ukoll biex jissimplifika u jarmonizza l-piżijiet amministrattivi għall-movimenti leċiti, jonqsu l-ispejjeż tal-manifattura u jitjieb l-aċċess għas-suq għall-prodotturi tal-ispirtu metilizzat (UE u globali). Se jiġi esplorat jekk l-istess approċċ, b'riżultati simili, jistax ikun previst fir-rigward ta' alkoħol parzjalment żnaturat (PDA).

4. INIZJATTIVI U AZZJONIJIET FUTURI LI SE JIĠU ŻVILUPPATI

4.1. L-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fi żmien qasir (fl-2013)

4.1.1. Jiġi indirizzat in-nuqqas ta' taqbil u jissaħħu d-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż

14. Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji (2011/96/UE)[19]

Il-qasam tan-nuqqas ta' taqbil, li jittratta kwistjonijiet bħal self ibridu u entitajiet ibridi, u d-differenzi fil-kwalifiki ta' dawn l-istrutturi bejn il-ġurisdizzjonijiet, hu qasam ta' importanza partikolari. Diskussjonijiet dettaljati mal-Istati Membri wrew li f'każ speċifiku soluzzjoni miftiehma ma tistax tintlaħaq mingħajr emenda leġiżlattiva tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji. L-objettiv se jkun li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tad-direttiva ma timpedixxix bi żball l-azzjoni effettiva kontra n-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu.

15. Reviżjoni tad-dispożizzjoni kontra l-abbuż fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Il-Kummissjoni se tirrevedi wkoll id-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż tad-Direttivi dwar l-Imgħax u r-Royalties, l-Amalgamazzjonijiet u l-Kumpaniji Prinċipali u s-Sussidjarji, bil-ħsieb li timplimenta l-prinċipji sottostanti tar-Rakkomandazzjoni tagħha dwar il-pjanifikazzjoni tat-taxxa agressiva.

4.1.2. Promozzjoni tal-istandards, l-istrumenti u l-għodod tal-UE

16. Promozzjoni tal-istandard tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni f'fora internazzjonali u l-għodod tal-IT tal-UE

---

18 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (ĠU L 288 tat-23.11.1993, P. 12)

19 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal- kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti *ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8.*

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi b'mod qawwi l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bħala l-istandard tal-ġejjieni Ewropew u internazzjonali tat-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni fi kwistjonijiet tat-taxxa.

Huwa essenzjali wkoll li l-għodod tal-IT tal-UE żviluppati mill-Kummissjoni mal-Istati Membri jkunu promossi f'fora internazzjonali[20] u b'mod partikolari fl-OECD biex tkun żgurata l-applikazzjoni wiesgħa ta' għodod bħal dawn u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jużaw sett uniku ta' għodod u strumenti kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pajjiżi terzi.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-OECD dwar l-iżvilupp attwali tal-formats tal-IT li għandhom jintużaw għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni skont id-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni[21]. L-objettiv huwa li jitqiesu, mill-bidu, is-suġġerimenti tal-pajjiżi mhux tal-UE bil-ħsieb li l-formats tal-IT jiġu approvati u applikati b'mod sħiħ barra l-UE.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se titlob lill-OECD biex tapprova l-formoli elettroniċi li ġew żviluppati reċentement għall-iskambju tal-informazzjoni fuq talba, l-iskambju spontanju tal-informazzjoni u reazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, u se tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-OECD rigward il-formoli elettroniċi żviluppati fil-kuntest tal-irkupru tat-talbiet.

4.1.3. *Tisħiħ tal-konformità mat-taxxi*

17. Kodiċi tal-kontribwenti Ewropej

Sabiex ittejjeb il-konformità mat-taxxa, il-Kummissjoni se tfassal prattiki ta' amministrazzjoni tajba fl-Istati Membri biex tiżviluppa kodiċi tal-kontribwenti li jistabbilixxi l-aħjar prattiki għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni, il-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-kontribwenti, biex tiżgura trasparenza akbar dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-kontribwenti u tinkoraġġixxi approċċ orjentat lejn is-servizzi.

Il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjoni pubblika dwar dan fil-bidu tal-2013. Billi ttejjeb ir-relazzjonijiet bejn il-kontribwenti u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa, issaħħaħ it-trasparenza tar-regoli tat-taxxa, tnaqqas ir-riskju ta' żbalji b'konsegwnezi potenzjalment serji għall-kontribwenti u tinkoraġġixxi l-konformità mat-taxxa, l-inkoraġġiment tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex japplikaw kodiċi tal-kontribwenti se jgħin biex isir kontribut għal aktar ġbir tat-taxxa effettiv.

---

[20] L-UE tipparteċipa b'mod attiv f'forums oħra internazzjonali bħalma huma l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa (IOTA), iċ-Ċentru Inter-Amerikan tal-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa (CIAT), id-Djalogu dwar it-Taxxa Internazzjonali (ITD), il-Patt dwar it-Taxxa Internazzjonali (ITC), u l-Forum Afrikan għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa (ATAF)

[21] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

4.1.4. Tisħiħ tal-governanza tat-taxxa

18. Kooperazzjoni msaħħa ma' entitajiet oħra tal-infurzar tal-liġi

Kooperazzjoni aktar b'saħħitha, li tagħmel użu sħiħ tal-appoġġ tal-aġenziji tal-UE, għandha tiġi promossa wkoll ma' entitajiet oħra tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari l-awtoritajiet responsabbli għal kontra l-ħasil tal-flus, il-ġustizzja u s-sigurtà soċjali. Kooperazzjoni bejn l-aġenziji hi essenzjali biex tiġi żgurata ġlieda effiċjenti kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-kriminalità relatata mat-taxxa. Il-Europol għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni billi jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tan-networks/gruppi kriminali.

Fil-kuntest tat-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva tagħha għal reviżjoni tat-Tielet Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus (AMLD), li għandha tiġi ppreżentata fi żmien qasir, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li ssemmi espliċitament ir-reati tat-taxxa bħala reati relatati mal-ħasil tal-flus, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-2012 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja-FATF. Dan se jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' sorveljanza finanzjarja sabiex jittrattaw ksur serju tal-liġi tat-taxxa. It-titjib tal-klijent tal-AML minħabba proċeduri ta' diliġenza kif ukoll żieda tat-trasparenza tal-informazzjoni tas-sjieda benefiċjarja miġbura għall-iskopijiet tal-AML fi ħdan il-qafas tar-reviżjoni tal-AMLD jista' wkoll jiffaċilita l-użu tad-dejta rilevanti għal skopijiet ta' tassazzjoni, eż. biex tittejjeb l-effikaċja tat-trattament ta' strutturi ta' investiment offshore skont id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tat-Tfaddil tal-UE. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni tista' tiġi ffaċilitata aktar permezz ta' armonizzazzjoni mifruxa mal-UE ta' reat ta' ħasil tal-flus, id-definizzjoni tiegħu u s-sanzjonijiet relatati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tippjana li tipproponi, lil hinn mir-reviżjoni tat-Tielet AMLD, Direttiva speċifika dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fl-2013.

4.1.5. Tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva

19. Promozzjoni tal-użu ta' kontrolli simultanji u l-preżenza ta' uffiċjali barranin għall-awditjar

F'terminu qasir ta' żmien, sabiex jiġu ffaċilitati l-awditi tat-taxxa u titwitta t-triq għal awditi konġunti futuri possibbli, huwa essenzjali li l-Istati Membri jagħmlu l-użu l-aktar wiesa' possibbli tad-dispożizzjonijiet legali eżistenti biex jorganizzaw kontrolli simultanji u jiffaċilitaw il-preżenza ta' uffiċjali barranin fl-uffiċċji tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u waqt indaġnijiet amministrattivi. L-analiżi mwettqa fil-qafas tal-EUROFISC għandha tgħin fit-tisħiħ tal-użu ta' dawn l-għodod.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma timpedixxix l-applikazzjoni sħiħa ta' dawn l-għodod, speċjalment meta tkun ikkonċernata l-preżenza ta' uffiċjali barranin fl-uffiċċji tat-taxxa jew fil-bini tal-kontribwent.

4.1.6. Azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi

20. Tinkiseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex jibdew negozjati ma' pajjiżi terzi għal ftehimiet bilaterali dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT

Minħabba li l-frodaturi spiss jisfruttaw in-nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi jwettqu tranżazzjonijiet fittizji li jinvolvu pajjiżi terzi, diversi Stati Membri ġibdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva simili għal dawk diġà fis-seħħ fi ħdan l-UE jkunu disponibbli wkoll għall-użu ma' pajjiżi terzi.

Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li tali awtorizzazzjoni biex tinnegozja ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi immirati lejn qafas effettiv u vinkolanti għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT hi assolutament meħtieġa. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għal tali awtorizzazzjoni sal-2013.

4.2. L-azzjonijiet li għandhom jitwettqu f'terminu medju (sal-2014)

4.2.1. Titjib tal-iskambju tal-informazzjoni

21. Jiġi żviluppat format kompjuterizzat għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni

Il-Kummissjoni qed tiżviluppa formats ġodda għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni dwar id-dħul mill-impjieg, il-miżati tad-diretturi, il-prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, il-pensjonijiet u dwar il-pusses ta' u dħul minn proprjetà immobbli, skont id-Direttiva 2011/16/UE[22].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi soluzzjonijiet prattiċi għal tipi ta' dħul oħrajn minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, biex jintużaw mill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jiksbu benefiċċji saħansitra akbar mill-mekkaniżmi previsti mid-Direttiva.

22. L-użu ta' Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa tal-UE (TIN)

It-TINs huma meqjusa li jipprovdu l-aħjar mezz biex jiġu identifikati l-kontribwenti fl-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni. It-TINs nazzjonali huma madankollu mibnija skont ir-regoli nazzjonali li jvarjaw b'mod konsiderevoli u jagħmluha diffiċli għal partijiet terzi (istituzzjonijiet finanzjarji, min iħaddem, oħrajn) li jidentifika sew u jirreġistra TINs barranin u għall-awtoritajiet tat-taxxa biex jirrapportaw lura din l-informazzjoni lejn ġurisdizzjonijiet oħra tat-taxxa.

Il-ħolqien ta' TIN tal-UE jista' jikkostitwixxi l-aħjar soluzzjoni biex jingħelbu d-diffikultajiet attwali li qed jaffaċċjaw l-Istati Membri fl-identifikazzjoni tajba tal-kontribwenti kollha tagħhom (persuni fiżiċi u mhux fiżiċi) impenjati f'operazzjonijiet transkonfinali. Jekk dan jistax ikun numru uniku tal-UE jew iż-żieda ta' identifikatur tal-UE ma' TINs nazzjonali eżistenti hija kwistjoni li għandha tiġi esplorata aktar, kif għandhom jiġu esplorati r-rabtiet mas-sistemi l-oħra eżistenti oħra tal-UE dwar ir-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni.

Għalkemm il-kunċett ta' TIN tal-UE huwa sempliċi, l-implimentazzjoni tiegħu hija kwistjoni kumplessa li titlob approċċ gradwali. Se titnieda konsultazzjoni pubblika sa Marzu 2013. Il-preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva sussegwenti teħtieġ aktar studji profondi u l-appoġġ qawwi tal-Istati Membri. Bħala l-ewwel pass, possibbiltà

[22] L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE

tista' tkun li jiġi żviluppat iktar it-"TIN fuq il-portal EUROPA", billi jsir possibbli li tiġi ċċekkjata l-validità ta' TINs nazzjonali billi tintrabat din l-applikazzjoni mal-bażijiet tad-dejta tal-Istati Membri.

23. Jiġu rrazzjonalizzati l-istrumenti tal-IT

Il-Kummissjoni qed tniedi proċess biex tirrazzjonalizza l-istrumenti tal-IT madwar l-Ewropa bil-ħsieb li jiġu żgurati sistemi aktar effikaċi u kosteffiċjenti. Notevolment se tikkunsidra l-ambitu għall-iżvilupp ta' soluzzjoni ċentrali tal-IT għall-għodod elettroniċi ta' appoġġ għall-kooperazzjoni amministrattiva, immirati li jnaqqsu l-ispejjeż tal-IT għall-Istati Membri u li jippermettu skambju ta' informazzjoni aktar malajr u aktar effiċjenti.

4.2.2. Jiġu indirizzati x-xejriet u l-iskemi tal-frodi tat-taxxa u tal-evażjoni tat-taxxa

24. Linji gwida għall-intraċċar tal-flussi tal-flus

Filwaqt li tikkunsidra l-esperjenza ta' xi Stati Membri f'dan il-qasam u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) diġà eżistenti, il-Kummissjoni se tiżviluppa metodoloġija u linji gwida komuni biex itejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-flussi tal-flus mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa, pereżempju permezz ta' karti tal-kreditu u kontijiet bankarji tal-EU/barranin, li jagħmluha aktar faċli biex jiġu traċċati tranżazzjonijiet sinifikanti.

L-ewwel pass diġà nkiseb permezz tal-qsim fil-fond tal-esperjenzi fil-werkxop FISCALIS li seħħ dwar dan is-suġġett f'Ottubru 2012.

25. Tisħiħ tat-tekniki tal-ġestjoni tar-riskju u b'mod partikolari l-ġestjoni tar-riskju tal-konformità

Il-Pjattaforma għall-Ġestjoni tar-Riskju stabbilita fl-2007 fil-kuntest tal-programm FISCALIS qed tiżviluppa pjan strateġiku għall-konformità u l-ġestjoni tar-riskju. L-għan ewlieni tal-pjan strateġiku huwa li jiżgura li l-Istati Membri kollha jiksbu livell ogħla ta' konformità mill-kontribwenti, biex it-trattament tar-riskji transkonfinali u l-ġlieda kontra l-frodi jsiru eħfef u biex tiġi stimulata u mtejba l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan strateġiku, se jkun meħtieġ li jinkiseb impenn mill-Istati Membri kollha.

Skambji strutturati tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u doganali dwar l-istrateġiji għall-identifikazzjoni tan-nuqqas ta' konformità jistgħu jtejbu l-għarfien taż-żewġ awtoritajiet u jiżguraw valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati u jkunu integrati fil-ħidma dwar il-pjan strateġiku.

26. Estensjoni tal-EUROFISC għat-tassazzjoni diretta

L-EUROFISC tipprevedi skambju rapidu tal-informazzjoni dwar każijiet ta' frodi fil-qasam tal-VAT. Din is-sistema relattivament ġdida tista' tiġi estiża biex isservi funzjoni simili fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, b'mod partikolari bil-ħsieb li tinsab u titqassam malajr informazzjoni dwar l-iskemi u x-xejriet ta' frodi rikorrenti u l-pjanifikazzjoni tat-taxxa aggressiva.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tiġbor u tivvaluta l-ewwel riżultati tal-EUROFISC għall-VAT u mbagħad se ssegwi x-xogħol tagħha dwar l-estenzjoni tal-EUROFISC u s-Sistema ta' Twissija Bikrija tagħha għall-qasam tat-taxxa diretta.

4.2.3. Tisħiħ tal-konformità mat-taxxi

27. Ħolqien ta' approċ ċentralizzat fl-Istati Membri kollha

Punti uniċi ta' servizz għandhom jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru biex jagħtu kull tip ta' informazzjoni dwar it-taxxa lill-kontribwenti, inklużi dawk mhux residenti, u b'hekk jiffaċilitaw l-operazzjonijiet transkonfinali billi jeliminaw l-ostakli tat-taxxa u għalhekk, jiġi żgurat aktar konformità mat-taxxa. L-ewwel pass diġà sar permess tal-organizzazzjoni, f'Diċembru 2012, ta' werkxop ta' FISCALIS dwar dan is-suġġett, bħala segwitu għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-ostakoli tat-taxxa diretta f'sitwazzjonijiet transkonfinali li diġà saret fl-2012. Il-Kummissjoni se toħroġ metodoloġija u linji gwida komuni f'dan ir-rigward.

28. Jiġu żviluppati inċentivi motivazzjonali inkluż programmi ta' żvelar volontarju

Il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li tiżviluppa metodoloġiji u linji gwida komuni biex ittejjeb il-miżuri edukattivi, inkluż il-ġeneralizzazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa diġà mimlijin, il-ħolqien ta' paġni tal-internet personalizzati u l-possibilità għall-Istati Membri biex jespandu ħafna l-għarfien dwar il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni amministrattiva tagħhom, bil-ħsieb li jiżdied l-għarfien tal-kontribwenti dwar is-setgħat tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex jiksbu informazzjoni minn pajjiżi oħra.

Il-Kummissjoni se teżamina wkoll il-possibbiltà li tiżviluppa inċentivi ta' motivazzjoni billi jiġu mħeġġa, permezz ta' metodoloġiji u linji gwida komuni, il-programmi ta' żvelar volontarju, il-korrezzjoni tal-iżbalji mill-kontribwenti onlajn (speċjalment jekk jiġu maħluqa paġni tal-internet personalizzati) u t-titjib tar-relazzjonijiet bejn il-kontribwenti u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

29. Jiġi żviluppat sit tal-internet dwar it-taxxa

Il-Kummissjoni se ttejjeb u, fejn possibbli, testendi l-web portal eżistenti "Taxxi fuq EUROPA", biex ittejjeb l-aċċess għal informazzjoni affidabbli dwar it-taxxa f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Il-web portal tat-taxxa jista' jinbena bħan-netwerk tal-ġustizzja elettronika, aċċessibbli fuq EUROPA.

Dan il-proġett huwa ambizzjuż u għandu jiġi realizzat permezz ta' approċċ gradwali, bi prijorità għall-VAT. L-ewwel pass għalhekk se jikkonsisti mill-iżvilupp tal-parti tal-VAT tal-web portal dwar it-taxxa li se jkun fih ir-regoli dwar il-fatturazzjoni applikabbli fl-Istati Membri. Dan huwa maħsub biex jiftaħ il-web portal għall-Istati Membri li jixtiequ jippubblikaw informazzjoni oħra (bħal rati tat-taxxa). Il-pass li jmiss se jkun jikkonsisti fl-integrazzjoni ta' aspetti oħra tat-taxxa u partikolarment it-tassazzjoni diretta.

30. Jiġi propost allinjament tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali

Il-Kummissjoni se tistudja l-opportunità u l-fattibbiltà li tallinja d-definizzjoni ta' ċerti tipi ta' reati fiskali, inklużi sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għat-tipi kollha ta' taxxi. Il-Kummissjoni reċentement ipproponiet regoli tal-liġi kriminali[23] sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE u temmen li din il-kwistjoni jixirqilha aktar konsiderazzjoni fil-kuntest ta' riflessjonijiet aktar wiesgħa dwar it-twaqqif ta' politika kriminali tal-UE. Se jkun importanti li jiġi żgurat li kull azzjoni f'dan il-qasam tkun integrata bis-sħiħ ma' azzjonijiet simili f'oqsma oħra tal-liġi tal-UE, skont il-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Politika Kriminali tal-UE: L-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz tal-liġi kriminali" tal-20 ta' Settembru 2011[24].

31. Jiġi żviluppat Fajl tal-Awditjar Standard għat-Taxxa tal-UE (SAF-T)

L-użu ta' fajl tal-awditjar standard għat-taxxa tal-UE (SAF-T), skont il-parametri ta' dak li diġà hemm fis-seħħ jew li qed jiġi żviluppat f'ċerti Stati Membri, ikun jiffaċilita kemm l-osservanza volontarja minn persuni taxxabbli u kemm l-awditjar tat-taxxa.

Bħalissa qed jiġi żviluppat proġett pilota fil-kuntest speċifiku tal-punt uniku ta' servizz fiċ-ċokon għat-telekomunikazzjonijiet, ix-xandir u s-servizzi elettroniċi. L-iżvilupp ulterjuri tiegħu għandu jiġi previst.

4.3. L-azzjonijiet li għandhom jitwettqu f'terminu itwal (lil hinn mill-2014)

Hemm ukoll għadd ta' azzjonijiet possibbli elenkati fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju li, skont il-Kunsill, ma għandhomx jittieħdu bħala prijorità f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni madankollu temmen li jkun tajjeb li jiġu kkunsidrati mill-ġdid fi stadju aktar tard, ladarba l-implimentazzjoni tal-elementi l-oħra iktar urġenti ta' dan il-pjan ta' azzjoni jkunu aktar avvanzati. Dawn l-azzjonijiet jinkludu:

32. Metodoloġija għal awditjar konġunt minn timijiet iddedikati ta' awdituri mħarrġa

Din il-kwistjoni għandha tiġi riveduta ladarba tkun inkisbet aktar esperjenza tal-użu tal-istrumenti legali eżistenti bħal awditjar simultanju. Fuq din il-bażi, jistgħu jiġu żviluppati metodoloġija u linji gwida għal awditjar konġunt. Jekk ikun xieraq u fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tista' wkoll tipproponi bażi legali unika għal awditjar konġunt, li jinvolvi diversi tipi ta' taxxi.

33. Jiġi żviluppat aċċess dirett reċiproku għall-bażijiet tad-dejta nazzjonali

Minħabba d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-VAT fir-rigward tal-VIES[25], il-Kummissjoni se tanalizza l-fattibbiltà li jiġi ffaċilitat aċċess dirett għal-bażijiet tad-dejta nazzjonali fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Madankollu, huwa neċessarju l-

23 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali – COM (2012) 363/2 tal-11.07.2012.

24 COM (2011) 573 finali tal-20.09.2011

25 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010/UE.

ewwel nett li tinkiseb esperjenza mill-applikazzjoni tal-aċċess dirett reċiproku fil-qasam tal-VAT.

34. Jiġi elaborat strument legali uniku għall-kooperazzjoni amministrattiva għat-taxxi kollha

Minħabba li hemm xi affarijiet li huma komuni bejniethom fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn id-diversi dominji tat-taxxa, il-Kummissjoni se tistudja l-vjabbiltà, minn punti di vista legali u prattiċi, li jkun hemm strument legali uniku għall-kooperazzjoni amministrattiva għat-taxxi kollha, minflok erba' strumenti differenti, li jeżistu bħalissa. Dan l-eżerċizzju se jsir wara li jkun għadda ċertu żmien, sabiex jitqies il-fatt li l-bażijiet legali kollha eżistenti għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u indiretta kif ukoll għall-irkupru tat-taxxi ġew reċentament revokati u sostitwiti minn inizjattivi leġiżlattivi ġodda[26].

5. KONKLUŻJONI

Il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa huma problema multidimensjonali li tirrikjedi rispons ikkoordinat u b'diversi inizjattivi. Il-pjanifikazzjoni tat-taxxa aggressiva hija wkoll problema li teħtieġ attenzjoni urġenti. Dawn huma sfidi globali li l-ebda Stat Membru ma jista' jiffaċċja waħdu.

Dan il-pjan ta' azzjoni jidentifika serje ta' miżuri speċifiċi li jistgħu jiġu żviluppati issa u fis-snin li ġejjin. Dan jirrappreżenta wkoll kontribuzzjoni ġenerali għad-dibattitu internazzjonali usa'[27] dwar it-tassazzjoni u hu mmirat li jassisti l-G20 u l-G8 fix-xogħol tagħhom li għaddej f'dan il-qasam.[28] Il-Kummissjoni temmen li l-ikkombinar ta' dawn l-azzjonijiet jista' jipprovdi rispons komprensiv u effettiv għall-isfidi varji li ġejjin mill-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u b'hekk jista' jikkontribwixxi biex is-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri jkunu ġusti, biex ikun żgurat id-dħul mit-taxxa u fl-aħħar biex jitjieb il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet deskritti f'dan il-pjan ta' azzjoni se jiġu implimentati kif xieraq, il-Kummissjoni se toħloq monitoraġġ xieraq u tabelli ta' valutazzjoni, li jinkludu partikolarment skambju regolari ta' opinjonijiet fil-kumitati u fil-gruppi ta' ħidma relevanti fuq il-bażi ta' kwestjonarji ddettaljati.

---

26 Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, P. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 904/2010/UE tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, P. 1); Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, P. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 389/2012/UE tat-2 ta' Mejju 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 (ĠU L 121, 8.5.2012, P. 1)

27 Ara pereżempju d-Dikjarazzjoni konġunta mir-Renju Unit u l-Ġermanja tal-05.11.2012 li titlob azzjoni internazzjonali biex jissaħħu l-istandards tat-taxxa, http://www.hm-treasury.gov.uk/chx_statement_051112.htm

28 Ara d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 tad-19 ta' Ġunju 2012, Los Cabos. "Aħna ntennu l-ħtieġa li ssir prevenzjoni tal-erożjoni tal-bażi u tal-ixxiftjar tal-profitt u se nsegwu b'attenzjoni x-xogħol kurrenti tal-OECD f'dan il-qasam"